

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2170

tal-24 ta' Novembru 2015

li jemenda d-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti ta' applikazzjoni għall-proċeduri tal-għoti ta' kuntratti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni 94/800/KE <sup>(2)</sup> il-Kunsill ikkonkluda l-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi ("il-Ftehim") <sup>(3)</sup>. Il-Ftehim għandu jkun applikat għal b'valur li jilħaq jew li jaqbeż l-ammonti ("il-limiti") stipulati fil-Ftehim u espressi bħala drittijiet speċjali ta' prelevament.
- (2) Wieħed mill-għanijiet tad-Direttiva 2014/24/UE huwa li l-awtoritajiet kontraenti li japplikaw dik id-Direttiva jitħallew jikkonformaw fl-istess waqt mal-obbligi stabbiliti fil-Ftehim. Biex jinkiseb dan, il-limiti stabbiliti għall-kuntratti pubbliċi f'dik id-Direttiva, li huma koperti wkoll mill-Ftehim, għandhom jiġu allinjati sabiex jiġi żgurat li jikkorrispondu mal-ekwivalenti f'euro, aġġustat 'l isfel għall-eqreb elf, tal-limiti stipulati fil-Ftehim.
- (3) Għal raġunijiet ta' koerenza, huwa xieraq li jiġu allinjati wkoll il-limiti fid-Direttiva 2014/24/UE, li mhumiex koperti mill-Ftehim. Għaldaqstant id-Direttiva 2014/24/UE għandha tiġi emendata skont dan.
- (4) Minħabba li l-kalkolu tal-limiti riveduti jeħtieġ isir abbażi ta' valur medju tal-euro għal ċertu perjodu li jkun jiġi fi tmienju fil-31 ta' Awwissu, u minħabba li l-limiti riveduti jridu jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fil-bidu ta' Novembru, meta jiġi adottat dan ir-Regolament għandha tiġi applikata l-proċedura ta' urġenza,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

Id-Direttiva 2014/24/UE tiġi emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

- (a) fil-punt (a), l-ammont "EUR 5 186 000" jinbidel b'"EUR 5 225 000",
- (b) fil-punt (b), l-ammont "EUR 1 34 000" jinbidel b'"EUR 1 35 000",
- (c) fil-punt (c), l-ammont "EUR 207 000" jinbidel b'"EUR 209 000".

<sup>(1)</sup> ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunita Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqqha ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1).

<sup>(3)</sup> Il-Ftehim huwa ftehim multilaterali fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Dan il-Ftehim għandu l-għan li s-swieq tal-akkwist pubbliku jinfetxu b'mod reċiproku fost il-partijiet kontraenti tiegħu.

(2) L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 13 hu emendat kif ġej:

- (a) fil-punt (a), l-ammont “EUR 5 186 000” jinbidel b’“EUR 5 225 000”,
- (b) fil-punt (b), l-ammont “EUR 207 000” jinbidel b’“EUR 209 000”.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2016.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Novembru 2015.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Jean-Claude JUNCKER

---